**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha 15 ta' Settembru, 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 35/2021**

**Yang Zhao**

**vs**

**The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mir-rikorrent wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-30 ta' Lulju 2021 li ikkonfermat id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tas-26 ta' Marzu 2021 fejn il-Bord iddikjara nulla t-talba tar-rikorrenti billi l-appell gie prezentat oltre z-zmien imsemmi fl-artikolu 25A(7) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Rat ir-risposta tar-ritrattat Direttur li sostna li ma kienx hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni u r-rikors ta' ritrattazzjoni kellu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattanda li tghid hekk:

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju ewlieni tal-appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tad-Direttur appellat, u dan fid-dawl ta' dak li gie deciz mill-Bord.

L-appellanta qieghda tappella mid-decizjoni appellata ghaliex fil-fehma taghha l-Bord naqas milli jikkonsidra d-data ta' meta l-appell kien gie intavolat, jigifieri dik tal-24 ta' Settembru, 2020. Tispjega li dan sehh b'rizultat tal-proceduri li ttiehdu mill-Bord stess minhabba l-pandemija prezenti, fejn l-appelli jintlaqghu biss permezz ta' email. Ghalhekk il-Bord ikkonsidra minflok id-data tad-29 ta' Settembru, 2020 meta l-impjegati tal-Bord fil-fatt raw u pprocessaw l-email tal-avukat difensur tal-appellanta.

Min-naha tieghu d-Direttur appellat jikkontendi li l-appellanta stess tikkonferma li hija kienet intavolat l-appell taghha quddiem il-Bord fl-24 ta' Settembru, 2020, wara d-decizjoni tal-imsemmi Bord fis-17 ta' Settembru, 2020. Ghalhekk minghajr dubju l-appell odjern huwa wiehed tardiv peress li gie intavolat wara t-tlett ijiem ta' xoghol li jipprovdi ghalihom is-subartikolu (7) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217. Jirrileva li l-Bord ma ddecidiex li l-appell kien wiehed tardiv ghaliex gie a konjizzjoni tieghu fid-29 ta' Settembru, 2020, kif riedet taghti x'jifhem l-appellanta. Id-Direttur appellat jirrileva li minn dak li qal il-Bord fid-decizjoni appellata, jigifieri "after examining the documentation submitted by the appellant, the Board found that neither the appellant nor the prospective employer provided any explanation for the manifest lateness of the appeal", huwa evidenti li l-Bord spjega illi skont dak li kien qed jirrizulta quddiemu, l-appell kien wiehed tardiv, izda ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni min-naha tal-appellanta ghal dan. L-istess nuqqas kien qed jidher li sehh anki fl-appell odjern.

Il-Qorti tosserva li mill-atti ma jirrizultax b'liema mezz u meta ntbaghtet lill-appellanta d-decizjoni tad-Direttur appellat tas-17 ta' Settembru, 2020. Dan lanqas ma jirrizulta mid-decizjoni appellata, fejn kien ikun utli u xieraq li l-Bord jindika b'mod aktar dettaljat u car kif wasal ghad-decizjoni tieghu fir-rigward tat-tardività tal-appell odjern.

Imma madankollu jirrizulta li l-appell tal-appellanta minn dik id-decizjoni ntbaghat permezz ta' email tal-24 ta' Settembru 2020 fis-17:03, wara li fis-16 ta' Settembru, 2020 l-avukat difensur taghha kienet imliet u baghtet permezz ta' email dokument necessarju sabiex jinfetah appell. Illi ghalhekk din il-Qorti hija disposta li tqis li d-decizjoni tad-Direttur appellat kienet ukoll intbaghtet permezz ta' email. L-appellanta min-naha taghha ma offrietx li tikkonferma kif u meta hija kienet irceviet din id-decizjoni u kulma tghid u li ma kienet irceviet l-ebda ittra registrata.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellanta mhux gustifikat u tichdu.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tichad l-appell odjern u tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez tal-proceduri kollha kontra l-appellanta.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tar-ritrattand hu s-segwenti:

1. Li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Lulju 2021 hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Ir-ritrattandi jallegaw illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew id-dokumenti skont artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Fi kliem iehor dak li qed jallega r-ritrattand hu li jezisti zball ta' fatt fis-sentenza fejn is-suppozizzjoni ta' fatt li l-verita tieghu hi bla dubju eskluza jew suppozizzjoni li ma jezistix fatt li l-verita tieghu tkun stabbilita pozittivament.

Ma jistax pero r-ritrattand f'dawn il-proceduri ta' natura eccezzjonali jittanta jressaq appell mill-gdid fuq fatti u argumenti gia spjanati u decizi mill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 811(l) mhux intiz ghal dan l-iskop kif del resto mhux intiz ghal dan l-iskop il-kawzali kollha ta' ritrattazzjoni fl-artikolu 811 tal-Kap. 12.

Kif tghid il-gurisprudenza, zball ta' fatt li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni jrid jirrelata ghal punt li ma giex kontestat, diskuss u deciz mill-Qorti, u jrid ikun wiehed materjali, manifest u li jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux permess li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball. Minbarra dan, l-izball ma jridx ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha ghaliex dan mhuwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Rosa Fenech vs Jane sive Giovanna Cini et**, (App 15/07/2019):

> l-izball li jwassal ghat-thassir ta' sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, inghad li ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi mod iehor imwiezna b'ragunijiet ohrajn indipendenti minn tali zball. Fuq kollox, ma tithalliex

issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie ikkontestat u deciz fis-sentenza attakkata

L-appellanta issostni illi d-decizjoni tal-Bord inghatat fis-17 ta' Settembru 2020 u illi l-appell taghha sar fl-24 ta' Settembru 2020. Fuq dawn il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. L-appellanti pero tqis li meta l-Qorti tal-Appell f'paragrafu 11 tas-sentenza semmiet id-data tas-16 ta' Settembru 2020 cioe meta d-difensur tal-appellanti baghtet permezz ta' email dokument necessarju biex jinfetah appell inkorriet zball ta' fatt li wassal lil Qorti tqis li l-appell sar fuori termine.

L-appellanti tissottometti li d-dokument li ghalih saret referenza mill-Qorti hi formula ghal min jixtieq jappella wara d-decizjoni tal-Bord. Id-data ta' tali dokument mibghut lid-difensur tal-appellanta cioe 16 ta' Settembru 2020, ma jista' qatt jintrabat mal-bidu tat-terminu ta' appell billi bhala fatt gie pruvat li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell inghata fis-17 ta' Settembru 2021 u kull terminu jibda wara dik id-data.

Din il-Qorti taqbel mal-appellanta li fih x'fih id-dokument li bih wiehed jiddikjara l-intenzjoni tal-appell ma jista' qatt ikollu rilevanza jew kjarifika ghad-data tad-decizjoni f'dan il-kaz, ghax id-decizjoni tal-Bord tal-Appell inghatat wara. L-appellanta issostni illi d-decizjoni tal-Bord inghatat fis-17 ta' Settembru 2020 u illi l-appell taghha sar fl-24 ta' Settembru 2020. Fuq dawn il-fatti kif inghad ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. L-appellanti pero tqis li meta l-Qorti tal-Appell f'paragrafu 11 tas-sentenza semmiet id-data tas-16 ta' Settembru 2020 cioe meta d-difensur tal-appellanti baghtet permezz ta' email dokument necessarju biex jinfetah appell inkorriet zball ta' fatt li wassal lil Qorti tqis li l-appell sar fuori termine.

Pero l-Qorti tal-Appell ma rabtietx it-terminu ghall-appell mal-email tas-16 ta' Settembru 2020. Il-Qorti tal-Appell qalet b'mod car li d-decizjoni inghatat fis-17 ta' Settembru 2020 u l-appell sar fl-24 ta' Settembru 2020. Qalet li l-appellanta ma resqitx prova meta rceviet id-decizjoni pero minhabba li l-formula tal-appell intbghatet bl-email ipprezumiet li anki d-decizjoni giet ricevuta bl-istess mod. Ma hemm ebda zball ta' fatt ravvizat f'dawn il-kostatazzjonijiet izda semmai

interpretazzjoni tal-fatti u provi u r-ratio decidendi tal-Qorti. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-Qorti ghal fatti quddiemha pero dan ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni.

Il-Qorti tal-Appell rabtet id-dati tad-decizjoni mad-dati li fih gie sottomess l-appell u qieset li b'dawn il-fatti t-terminu tal-appell kien skada. Din ma kinitx deduzjoni li harget minn fatt zbaljat izda diskrezzjoni moghtija lil Qorti biex tinterpreta l-fatti ma' dak li tipprovdi l-ligi u waslet ghal fehma li l-appell kien tressaq tardivament. Dan kollu ma jinkwadrax ruhu f'dak li jrid l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza tat-30 ta' Lulju 2021 u konsegwentement tichad it-talbiet l-ohra; spejjez ghar-ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur